Karm u lil sħabhom li ddakkru minnhom. Fost il-qodma jiddu wkoll Ġużè Muscat-Azzopardi u Alf. M. Galea.

L-Istoriku, il-Filologu, il-Kritiku, jirfdu l-lsien daqs il-Poeta, ir-Romanzier, u l-Ġurnalist tajbin. Ta' l-ewwel inxebbaħhom mal-*bennejja* tat-tieni maż-*żejjiena* jew dekoraturi li jkaħħlu u jżejnu l-bini wara li jkun tala'. Nixtieqi għalhekk li t-tajfa tal-kittieba li telgħin iqassmu x-xogħol tal-bini tal-malti bħalma jagħmlu l-bennejja. Kulħadd jinxteħet għall-fergħa jew qasam li jħoss ruħu miġbud lejh, biex ilsienna jistagħna b'dik il-għodda u b'dak il-materjal meħtieġ għal kull kittieb li jixtieq jitħarreġ fil-kitba maltija mirquma.

Qiegħed wisq jinħass il-ħtieġ ta' dizzjunarju etimoloġiku bħalma għandhom ilsna oħra. Naf sewwa li qiegħed nitlob ħaġa li trid sabar, żmien u ħila biex issir, imma kull mibdi mitmum!

Sa fejn nafu, il-lsien malti qatt ma nkiteb fl-imgħoddi għalhekk tilef ħafna mill-kliem li kellu jew milli sata' jkollu. Ilsienna waslilna b'fomm missirijietna u mhux bil-ktib. Fittaħdit mela għadna nfittxu l-kliem li hu meħtieġ biex ngħinu ruħna u nfissru ruħna aħjar. Għandna wkoll ġabra sabiħa ta' qwiel li nistgħu ngħodduhom ta' barriera ta' kliem qadim jew minsi. F'xi laqam tinsab ukoll 'l hemm u 'l hawn xi kelma qadima li tista' tiswielna għat-tiswir ta' kliem ġdid u bosta għajdut malti jgħodd għall-istess ħaġa.

Biex il-lsien malti jistgħall bil-għeruq qodma l-Professur P.P. Saydon ta fil-*Malti* u f'*Leħen il-Malti* bosta tagħrif kif għandu jissawwar il-kliem ġdid. Fuq atar dan il-għaref Professur imxew kittieba oħra għalhekk dehru bosta artikli ta' fejda fiż-żewġ rivisti letterarji tagħna. Ħidma bħal din ta' għaqal u ta' reqqa jaħtieġ nistgħallu minnha billi narawha tinġabar u tidħol fid-dizzjunarju mill-malti għall-malti li għad irid isir. Kliem ġdid beda jidher ġmielu fil-kitba tal-malti. Nieħdu b'mera il-verb "Nieda" li ma kienx joħroġ mit-*tnedijiet* taż-żwieġ li jsiru fil-Knejjes u li l-lum qala' barra għal kollox il-verb *ippublika*. Minn *waqt* tnissel il-verb *waqqat* li sar ifisser *il-waqt li fih għandha ssir xi ħaġa*. Il-laqgħa *twaqqtet* għal nhar il-Ħamis: jiġifieri *iffissata* għal nhar il-Ħamis. U bosta u bosta kliem ieħor beda dieħel ġmielu fi lsienna.

Naħseb ukoll li l-"Maltese-Arabic Word List" ta' Dessoulavy u d-"Dizzjunarju mill-Ingliż għall-Malti" li qiegħed joħroġ il-Gvern jiswew biex minnhom jindamm il-kliem għad-dizzjunarju malti. Dawk li qegħdin jaqilbu għall-Malti l-



kliem ingliż kollu qegħdin jitħarrġu ġmielhom għalhekk l-esperjenza tagħhom tirfed it-twettiq ta' xewqitna. Fuq hekk naħseb li "materjal" imxerred biex isir dizzjunarju tajjeb għandna qatigħ u bil-qajl qajl jista' jinbeda l-ġbir tiegħu. Kont insejt insemmi l-ġabra ta' kliem tqil li ħareġ il-Professur Saydon fi ktieb żgħir bl-isem ta' "*Tifsir il-kliem fil-Kotba Mqaddsa.*"

Tħajjart jien ukoll insawwar xi kliem li nixtieqi jgħaddi mill-għarbiel ta' min hu mħarreġ fit-tagħlim ta' l-ilsna biex jekk inhu tajjeb jidħol fil-lsien u jekk mhuwiex jintrema fil-qoffa tal-karti.

Ant. G. Said

*Port Said.*

## TISWIR TA' KLIEM ĠDID MINN GĦERUQ TA' VERBI MALTIN

FETAĦ: *Fettieħa*. Dik il-ħadida jew *fettieħa* li tiftaħ biha l-fliexken tal-birra jew tal-limunata.

FIREX: *Mifrex*: Kanapè jew divan. Rajna l-Baxa paxxut fuq *mifrex* tal-ħarir.

GĦAM: *Għawwiema*. Il-lozzu kien marbut ma' *għawwiema* ta' l-injam miżmuma b'mażżra f'qiegħ il-baħar.

GĦAMEL: *Magħmel*. L-ispiżjar għandu *magħmel* (laboratorju) sabiħ.

ĦADEM: *Maħdem, mħadem*. Fil-*maħdem* ta' l-injam issir mobbilja mill-ifjen.

ĦALLEL: Minn *ħall* (vinegar). *Imħallel*: ħjar, pastard, basal "immarinat" fil-ħall. Il-kelma *mħallel* iżjed maltija minn "immarinat". Il-Maltin ta' l-Eġittu jieklu ħafna mħallel bħala antipast. Il-verb *ħallel* jaqbel ma' *mellaħ* fit-tiswir tiegħu.

ĦALL: *Iħoll*. Ħoll ix-xaħam. Jista' jissawwar il-verb "*ħallel*" = analizza. L-analiżi ssir bit-*taħlil* jew "decomposition". *Maħlul* bil-għarbi jfisser likwidu.

ĦALLAT: *Ħallât*, ħaġa, għodda li tħallat. *Il-ħallat* (li jħallat l-ilma biered mal-misħun) tal-kamra tal-banju jaħdem tajjeb.